# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**ħmistax (15) ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru 1142/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Yorgen Fenech (ID 36482M)**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali, Onor Prim Ministru Joseph Muscat, Onor Chris Fearne, Onor Evarist Bartolo, Onor Jose' Herrera, Onor Michael Falzon, Onor Edward Scicluna, Onor Carmelo Abela, Onor Justyne Caruana, Onor Michael Farrugia, Onor Owen Bonnici, Onor Edward Zammit Lewis, Onor Joe Mizzi, Onor Ian Borg, Kummissarju tal-Pulizija, u fit-3 ta' Marzu 2020 l-Avukat tal-Istat assuma l-atti flok l-Avukat Ġenerali in ottemperanza mal-Avviż Legali 329/19**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 29 ta' Novembru 2019, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

   *Illi r-rikorrenti huwa persuna ta' interess f'investigazzjoni ta' omiċidju, f'liema investigazzjoni huwa talab formalment li jingħata maħfra presidenzjali skont il-Kostituzzjoni, bil-kundizzjoni li jagħti l-informazzjoni kollha dwar diversi fatti u illi sar jaf mill-media, illi jidher illi din it-talba ma ntlaqatx;*

*Illi l-informazzjoni li huwa lest joffri hija, inter alia, fil-konfront tas-Sur Keith Schembri, li sa reċentament kien Chief of Staff tal-Prim Ministru Joseph Muscat, l-istess persuna li trid tiddeċiedi t-talba tiegħu għal maħfra presidenzjali;*

*Illi l-esposenti għandu dritt għal smiegħ xieraq li jestendi għall-istadju tal-investigazzjoni, u għandu dritt li t-talba tiegħu tiġi evalwata b'mod oġġettiv, imparzjali u mingħajr l-interferenza ta' interessi politiċi jekk mhux addirittura interessi personali diretti u kunflitt serju ta' interess u għaldaqstant ir-rikorrenti jinsab preokkupat bis-sitwazzjoni fejn kien l-istess Prim Ministru flimkien mal-Kabinett fejn sa ftit sigħat qabel kien membru Keith Schembri, illi fil-fatt iddeċieda jilqax o meno it-talba tar-rikorrenti.*

*Illi stante li l-istess Keith Schembri li sa reċentament kien qed jokkupa l-kariga ta' Chief of Staff tal-Prim Ministru Joseph Muscat u jattendi regolarment il-kabinett tal-Ministri, il-fatt li kien l-istess Prim Ministru Joseph Muscat u l-Kabinett tiegħu li pproċessa u ddetermina t-talba tiegħu għal proklama, l-esponenti jħoss mhux biss illi d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq qed jiġi miksur bl-aktar mod ċar u lampanti, mhux biss illi l-prinċipji ta' ġustizzja naturali kif enunċjati fl-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta [speċjalment il-prinċipju ta' nemo iudex in causa propria], kif ukoll għall-integrita' tal-istess investigazzjoni ġiet serjamemt preġudikata b'dan l-istat ta' fatt fejn huwa ġie prattikament kostrett jitlob l-proklama lil Prim Ministru sabiex jixhed kontra persuna mill-aktar qrib tiegħu li huwa għażel, ħatar u ddefenda għal snin twal u li sa ftit sigħat qabel kienet membru prominenti tal-istess organu li kellu jieħu deċiżjoni dwar informazzjoni altament kriminanti fi-konfront tiegħu;*

*Illi inoltre fil-kors tal-istess investigazzjoni l-istess Keith Schembri għamel sforzi konsiderevoli u kostanti b'diversi modi inkluż bl-intervent ta' terzi persuni u permezz ta' wegħdiet, biex iwaqqaf lir-rikorrenti milli jgħaddi l-informazzjoni kollha inkluż informazzjoni inkriminanti fil-konfront tiegħu u dan b'mod illi r-rikorrenti ġie għal xi żmien kkundizzjonat milli, u impedut b'mod mill-aktar qarrieqi jekk mhux ukoll bi ksur tal-Liġi, milli jgħaddi l-informazzjoni kollha lil awtorita' kompetenti;*

*Illi ebda ammont ta' manuvri, media stunts u akrobaziji politiċi ma jnaqqsu xejn mill-fatt illi l-organu li ddeċieda dwar il-maħfra presidenzjali huwa l-kabinett ta' Joseph Muscat maħtur minn Joseph Muscat li tiegħu Keith Schembri kien sa ftit ilu ċ-Ċhief of Staff liema stat ta' fatt jikser serjament id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq kif ukoll huwa bi ksur tal-ġustizzja naturali [speċjalment il-prinċipju ta' nemo iudex in causa propria) kif sanċiti fl-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi inoltre wieħed miż-żewġ protagonisti l-oħra fil-proċess tal-evalwazzjoni tat-talba għal maħfra presidenzjali u ċioe' l-Kummissarju tal-Pulizija ġie effettivament maħtur mill-istess Kabinett ta' Joseph Muscat [jew minn xi membru tiegħu] li tiegħu Keith Schembri li sa reċentament kien membru;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*Tiddikjara illi d-deċiżjoni fejn ġiet miċħuda t-talba għal maħfra presidenzjali lir-rikorrenti hija bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant nulla u bla effett u konsegwentement tordna li jitpoġġa fl-istess stat li kien qabel ittieħdet tali deċiżjoni u t-talba tiegħu terġa' tiġi ri-kunsidrata;*

2. Rat illi fit-12 ta' Diċembru 2019, l-intimati kollha irrispondew għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

   1. *Illi in linea preliminari, l-Onor. Prim Ministru Joseph Muscat, l-Onor. Chris Fearne, l-Onor. Evarist Bartolo, l-Onor. Jose' Herrera, l-Onor. Michael Falzon, l-Onor. Edward Scicluna, l-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. Justyne Caruana, l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Owen Bonnici, l-Onor. Edward Zammit Lewis, l-Onor Joe Mizzi, l-Onor. Ian Borg u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex il-leġittimi kontradittur ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

   2. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċepixxu formalment in-nullita' tal-azzjoni attriċi a tenur tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-istess azzjoni ma ġietx preċeduta minn ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju kontra l-intimati kif meħtieġ ad validatem;*

   3. *Illi in linea preliminari wkoll, l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijet ta' Malta) mhux applikabbli stante li l-għoti tal-maħfra Presidenzjali hija prerogattiva tal-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta u ma tinkwadrax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" li nsibu fis-subinċiż 2 ta' 1-Artikolu 469A tal-Kap. 12;*

   4. *Illi in lineja preliminari ukoll deċiżjoni tal-Kabinett illi wkoll skont il-Liġi lanqas ma tista' tkun eżebita f'Qorti ma tipprestax ruħha għal-stħarriġ ġudizzjarju;*

   5. *Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti formalment jeċepixxu l-inapplikabilita tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju għall-għoti o meno ta' maħfra Presidenzjali li ssir ai termini tal-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan stante li skont l-Artikolu 85 (2) tal-istess Kostituzzjoni kwistjonijiet dwar l-għoti ta' pariri jew aġir skont tali pariri da*

*parti tal-President ta' Malta ma tista' tiġi eżaminata minn ebda Qorti. Di piu l-prerogattiva tal-maħfra minnha nnifisha hija insindakabbli;*

6. *Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors ġuramentat in risposta huwa irritwali u null kif redatt bħala azzjoni li tħallat talbiet taħt il-Liġi ordinarja ma talbiet taħt il-Kapitolu 319 u l-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u b'mod partikolari, in kwantu huwa azzjoni dwar allegat ksur ta' Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem huwa null billi ma huwiex konformi mar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura fil-Qrati;*

7. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

8. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir tal-esponenti ċertament illi mhuwiex ultra vires jew abbużiv. L-esponenti dejjem aġixxew korrettament skont il-Liġi u fil-parametri mposti mill-Liġi u mill-Kostituzzjoni u jiċħdu bl-aktar mod kategoriku li b'xi mod ġiet preġudikata l-investigazzjoni tal-Pulizija;*

9. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-prerogattiva tal-maħfra hija fdata f'idejn il-President ta' Malta skont l-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li tipprovdi dawk l-istanzi fejn huwa permissibbli li tali maħfra tingħata. Illi fost dawn l-istanzi nsibu fil-paragrafu (a) tas-subinċiż (1) tal-istess artikolu li maħfra tista' tingħata lil xi persuna li jkollha x'taqsam f'reat liema maħfra tista' tiġi suġġetta għal kondizzjonijiet skont il-Liġi. Illi ċertament li dana l-artikolu ma jagħti l-ebda dritt lill-ebda persuna li tkun involuta f kummissjoni ta' reat li tingħata maħfra presidenzjali aktar u aktar meta dik l-'informazzjoni' li tkun allegatament qed toffri ma tkunx waħda korraborata minn evidenza oħra li turi l-veraċita' tal-informazzjoni.*

   *Illi r-rikorrenti qiegħed jagħmel konfużjoni bejn l-investigazzjoni mmexxija mill-Pulizija Eżekuttiva u l-kwistjoni tal-maħfra presidenzjali.*

10. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu wkoll illi s-setgħa mogħtija permezz tal-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni mhix sinonima mal-funzjoni ta' ġudikant. Il-fatt li dan l-artikolu jagħti l-possibilita' li tingħata l-maħfra Presidenzjali lil xi persuna nvoluta fil-kummissjoni ta' reat ma jfissirx illi b'xi mod bit-tħaddim ta' tali artikolu jiġi determinat xi dritt jew obbligu ċivili jew xi akkuża kriminali. Il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'diversi okkazjonijiet ippronunzjat ruħha dwar it-tifsira ta' Qorti indipendenti u imparzjali u li meta dawk il-prinċipji jiġu applikati għall-kwistjoni odjerna huwa bil-wisq evidenti li s-setgħa tal-prerogattiva tal-maħfra ma tinkwadrax fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-dritt għas-smiegħ xieraq;*

11. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

12. *Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2019, in vista tan-natura ta' l-ewwel sitt eċċezzjonijiet imqajjma mill-intimati, l-Qorti ordnat il-kapovolġiment tal-provi w ordnat lill-intimati jibdew bil-provi tagħhom sabiex wara jressaq il-provi r-rikorrenti dwar tali eċċezzjoni u jiġu trattati sabiex eventwalment jiġu deċiżi mill-Qorti qabel ma tidħol fil-meritu tal-każ.

4. Rat ix-xhieda ta' Dr Alexia Aquilina, Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili, prodotta mill-intimati u mogħtija fid-19 ta' Frar 2020 u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentata.

5. Rat illi fid-19 ta' Frar 2020, l-intimati lkoll iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

6. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2020 l-Avukat tal-Istat assuma l-atti flok l-Avukat Ġenerali, ai termini tal-Avviż Legali 329/2019.

7. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2020, ir-rikorrent għarraf illi ma kellu ebda provi x'jipproduċi fuq l-ewwel sitt eċċezzjonijiet ta' l-intimati.

8. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2020, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet fuq l-ewwel sitt eċċezzjonijiet, tal-intimati.

9. Rat illi fil-5 ta' Mejju 2020, l-intimati ippreżentaw is-sottomissjonijiet finali tagħhom bil-miktub dwar l-ewwel sitt eċċezzjonijiet.

10. Rat illi fit-8 ta' Mejju 2020, il-Qorti ordnat lir-rikorrenti sabiex jippreżenta s-sottomissjonijiet bil-miktub wara l-ewwel sitt eċċezzjonijiet sat-22 ta' Ġunju 2020.

11. Rat illi fit-22 ta' Ġunju 2020, tali sottomissjonijiet ma kinux ġew ippreżentati, u għalhekk il-Qorti ikkonċediet terminu ieħor għall-preżentata ta' l-istess, u dana għas-26 ta' Ġunju 2020.

12. Rat illi sas-26 ta' Ġunju 2020, sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub dwar l-ewwel sitt eċċezzjonijiet ma ġewx ippreżentati u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

13. Rat illi fis-7 ta' Lulju 2020, ir-rikorrent ippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu.

## Fatti

14. Jirriżulta, mir-rikors promotur kif redatt, illi r-rikorrent, Yorgen Fenech, huwa persuna ta' interess f'investigazzjoni ta' omiċidju, liema omiċidju, għalkemm mhux imsemmi fir-rikors promotur, huwa dak tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia.

15. Jirriżulta illi, skond kif redatt ir-rikors promotur, r-rikorrent talab formalment sabiex jingħata maħfra presidenzjali bil-kundizzjoni li jagħti l-informazzjoni kollha dwar diversi fatti fil-konfront ta' Keith Schembri, li kien sa ftit żmien qabel, Chief of Staff tal-Prim Ministru ta' dak iz-żmien, Dr Joseph Muscat – kopja ta' tali talba formali qatt ma ġiet ippreżentata.

16. Jirriżulta, dejjem skond kif redatt ir-rikors promotur, illi tali talba ma intlaqgħetx – prova ta' dana l-fatt qatt ma tressaq.

17. Jirriżulta illi għalhekk huwa nieda l-proċeduri ċivili odjerni sabiex dina l-Qorti tiddikjara ċ-ċaħda għat-talba għall-maħfra presidenzjali bħala bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, ossija talab illi jsir stħarriġ Ġudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva taċ-ċaħda fuq imsemmija.

18. Jirriżulta illi r-rikorrenti ibbaża t-talba tiegħu fuq is-segwenti premessi:

    a. Keith Schembri, il-persuna illi dwaru ried jagħti informazzjoni, kien iċ-Chief of Staff tal-Prim Ministru ta' dak iz-żmien, Dr Joseph Muscat.

    b. Keith Schembri kien jattendi regolarment il-laqgħat tal-Kabinett tal-Gvern.

    c. Il-Kabinett tal-Gvern ipproċessa w id-determina t-talba tiegħu għall-proklama.

    d. Keith Schembri, b'diversi modi, inkluż bl-intervent ta' terzi persuni u wegħdiet, għamel minn kollox biex iwaqqaf lir-rikorrenti milli jgħaddi l-informazzjoni inkriminanti fil-konfront tiegħu u għalhekk ir-rikorrenti ma setax jgħaddi l-informazzjoni inkriminanti.

19. Jirriżulta illi dawna il-fatti wasslu lir-rikorrent iħoss illi:

    i. Id-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq għat-talba għal Maħfra Presidenzjali minnu magħmula ġie miksur;

    ii. L-integrita' tal-investigazzjoni ġiet serjament ippreġudikata meta kellu jitlob lil Prim Ministru għall-proklama, liema Prim Ministru kien il-persuna li "*għażel, ħatar u ddefenda għal snin twal*" lil Keith Schembri.

20. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti jikkontendi wkoll illi l-Kummissarju tal-Pulizija, illi kien ukoll involut fil-proċess tal-evalwazzjoni tat-talba tiegħu, kien persuna maħtura mill-Kabinett illi tiegħu Keith Schembri kien membru.

**Difiża**

21. Jirriżulta illi l-intimati ressqu għaxar kapijiet ta' difiża sabiex jilqgħu għal dak mitlub mir-rikorrenti.

22. Jirriżulta illi dina l-Qorti, fis-16 ta' Diċembru 2019, ordnat illi jiġu deċiżi l-ewwel sitt difiżi minnhom imqajjma, u għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra tali difiżi f'dana l-istadju.

**Mhumiex il-Leġittimi kontradittturi**

23. Jirriżulta illi l-intimati ikkontendew illi kollha kemm huma, salv l-Avukat Ġenerali, li l-funzjonijet tiegħu sussegwentement ġew assunti mill-Avukat tal-Istat, ma kinux il-leġittimi kontradittturi, u dana a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12.

24. Jirriżulta illi l-Artikolu 181B (1) tal-Kap 12 jipprovdi dan li ġej:

> *Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*
>
> *(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*
>
> *(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*
>
> *(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

25. Jirriżulta illi, sussegwentement, l-Artikolu 181B (2) jipprovdi dan li ġej:

> *L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

26. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna hija indirizzata kontra l-intimati kollha, salv l-Avukat ta' l-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija, fil-vesti tagħhom bħala membri tal-Kabinett tal-Gvern, u għalhekk l-azzjoni odjerna kellha tiġi indirizzata unikament lejn l-Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat.

27. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati tistħoqq illi tiġi milqugħa.

**Nullita' tal-Azzjoni a tenur tal-Artikolu 460 tal-Kap 12**

28. Jirriżulta illi l-intimati jikkontendu illi l-proċeduri odjerni huma nulli u bla effett stante illi l-azzjoni odjerna ma ġietx preċeduta minn Ittra Uffiċjali jew Protest Ġudizzjarju kontra tagħhom, kif tipprovdi l-Liġi.

29. Jirriżulta illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati quddiem dina l-Qorti, bħala Prim' Awla tal-Qorti Civili biss, u mhux fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha.

30. Jirriżulta wkoll illi mkien ma saret ebda rikjesta sabiex il-proċeduri odjerni jiġu mismugħa bl-urġenza.

31. Jirriżulta illi l-Artikolu 460 tal-Kap 12 jipprovdi dan li ġej:

> *(1) Bla ħsara għad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*
>
> *(2) Id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx –*
>
> *(a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*
> *(b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew*
> *(ċ) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat ċivili; jew*
> *(d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;*
> *(e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ,*

32. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, l-azzjoni hija indirizzata lejn il-Kabinett, li, a tenur tal-Artikolu 79 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,

> *(1) Għandu jkun hemm Kabinett għal Malta li jkun magħmul mill-Prim Ministru u dak in-numru ta' Ministri oħra li jistgħu jiġu maħtura skont l-artikolu 80 ta' din il-Kostituzzjoni.*
>
> *(2) Il-Kabinett ikollu d-direzzjoni ġenerali u l-kontroll tal-Gvern ta' Malta u jkun responsabbli kollettivament dwar hekk lejn il-Parlament.*

33. Jirriżulta, għalhekk, illi qabel ma beda tali proċeduri, ir-rikorrent kellu jibgħat Ittra Uffiċjali jew Protest Ġudizzjaru u jipproċedi biss wara illi jgħaddu għaxart ijiem minn notifika ta' l-istess.

34. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi ebda Ittra Uffiċjali u/jew Protest Ġudizzjarju, ma ġiet ippreżentata mir-rikorrent QABEL ma beda l-proċeduri odjerni.

35. Jirriżulta wkoll illi l-azzjoni odjerna ma tinkwadrax f'waħda mill-ħamest istanzi kkontemplati fil-Liġi meta ma hemmx bżonn il-ħtieġa ta' tali azzjoni, u għalhekk kien jinkombi fuq ir-rikorrent illi jottempera ruħu ma' dak rikjest fl-Artikolu 460 (1) tal-Kap 12, kif fuq indikat.

36. Jirriżulta, għalhekk, illi dina l-eċċezzjoni timmerita illi tiġi milqugħa wkoll, stante illi tirriżulta ben ippruvata.

37. Il-Qorti tosserva, f'dana l-istadju, illi għalkemm hemm eċċezzjonijiet oħra illi fuqhom tista tipprovdi wara li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha, tenut kont tal-fatt illi t-tieni eċċezzjoni, fuq imsemmija, timmina l-bażi tal-azzjoni odjerna, tqis illi ma hemm ebda bżonn għall-Qorti illi tkompli tikkunsidra l-eċċezzjonijiet l-oħra kif imressqa u ser tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza abbażi ta' dawna ż-żewġ eċċezzjonijiet.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat ir-rikors promotur kif ukoll l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati,

Wara illi rat il-provi prodotti,

Wara illi rat illi l-partijiet ftehmu li l-Qorti tippronunzja ruħha dwar l-ewwel sitt eċċezzjonijiet ta' l-intimati,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-Avukat tal-Istat,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati u għalhekk tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju l-intimati kollha ħlief l-Avukat tal-Istat, ġia' Avukat Ġenerali,

**Tilqa'** t-tieni eċċezzjoni u għalhekk tiddikjara l-azzjoni odjerna bħala nulla a tenur tal-Artikolu 460 tal-Kap 12.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijet l-oħra, u għalhekk;

**Tiċħad** it-talbiet attriċi kif dedotti.

**Bl-ispejjeż** kif mitluba kontra r-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**